MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2015

Mandat Numru. 735/2015/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 735/2015LM fl-ismijiet:**

**Deborah Lia (ID 499071(M))**

**vs**

**Angelo Zahra (ID 751849(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Deborah Lia** ppreżentat fis-7 ta' Mejju, 2015 fejn talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni u kkonfermat bil-ġurament:

*"illi sabiex tikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat, titlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbigħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà u b'mod partikolari jittrasferixxi taħt kwalsiasi titolu kemm oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u jew personali fuq il-fond appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) fi blokk appartamenti mingħajr numru u bl-isem ta' Monte Rosa Flats, Triq is-Siġra, San Ġwann (San Ġiljan) u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*Illi r-rikorrenti kienet inizjat proċeduri quddiem din il-Qorti u ċjoè Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Deborah Lia vs Angelo Zahra (Rikors Maħluf Nru. 77/14SM) differita għat-3 ta' Ġunju, 2015. F'dawn il-proċeduri r-rikorrenti ppremettiet illi hija kienet daħlet f'konvenju mal-intimat fil-11 ta' Diċembru, 2008 fejn l-intimat wiegħed li jbigħ u hija wegħdet li tixtri l-fond hawn fuq imsemmi. Fuq il-konvenju hija kienet ħallset sbatax-il elf, u ħames mitt euro (€17,500) akkont mill-prezz. Il-konvenju ġie mġedded għal diversi drabi minħabba raġunijiet unikament imputabbli lill-intimat, fosthom djun li għandu pendenti ma' terzi, kif ukoll minħabba proċeduri kriminali u ffriżar tal-assi tiegħu.*

*Illi l-konvenju kien ġie mġedded sa Mejju 2013 però, peress li l-intimat naqas li jidher sabiex isir l-att finali, il-konvenju skada.*

*Illi minħabba f'dan, ir-rikorrenti fil-proċeduri fuq ċitati, qiegħda titlob ir-rifużjoni tad-depożitu mħallas minnha u kif ukoll il-likwidazzjoni tad-danni minnha sofferti a kawża tan-nuqqas tal-intimat.*

*Illi fl-eventwalità illi dawn il-proċeduri msemmija jiġu deċiżi favorevolment għar-rikorrenti u tiġi kanonizzata kreditriċi tal-intimat, l-intimat m'għandu ebda assi salv għal din il-proprjetà fuq liema tali sentenza eventwali tkun tista' tiġi eżegwita.*

*Illi kif diġà ġie premess hawn fuq l-intimat għandu ħafna djun ma terzi u jinsab għaddej proċeduri kriminali fejn ġew iffriżati l-assi tiegħu. Għalhekk jekk ma jiġix inibit it-trasferiment tal-proprjetà de quo u l-intimat jiddisponi minnha jew jgħabbiha b'xi piżijiet ma jkunx possibbli għar-rikorrenti li titħallas.*

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Mejju, 2015 fejn wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba tas-soċjetà rikorrenti provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Rat ir-Risposta tal-inimtat **Angelo Zahra (ID 751849M)** ippreżentata fil-15 ta' Mejju, 2015, fejn wieġeb kif ġej:

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*Preliminarjament ir-rikors promotur huwa null stante illi ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 874(2) tal-Kap. 12 tal-liġijiet tagħna.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jingħad illi ma teżisti ebda raġuni reali jew ċirkostanza li setgħet tindika li l-esponenti kien ser jiddisponi mill-fond inkwistjoni u għalhekk it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat relattiv mhijiex ġustifikata.*

*Illi in subsido u mingħajr preġudizzju għall-premess attwalment hija r-rikorrenti li hija debitriċi tal-esponenti f'somma ogħla minn dik minnha reklamata u dan stante li hija ddetjeniet l-appartament tal-esponenti fil-pussess tagħha għal diversi snin mingħajr ma ħallset ebda ċenteżmu kumpens għal tali detenzjoni u lanqas ma ħallset għal diversi spejjeż sostanzjali inkorsi mill-esponenti, inkluż dawk għal servizzi użufruwiti mir-rikorrenti stess, waqt li kienet għadha tokkupa l-istess appartament, sa issa fl-ammont ta' €2,200 imħallsa mill-esponenti, oltre għal ammonti ulterjuri u l-istess pretensjonijiet reċiproċi jiffurmaw il-mertu tal-kontrotalba fil-kawża fl-ismijiet premessi li tinsab differita quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, skont ma jirriżulta mill-kopja mhux uffiċjali annessa.*

*Fil-fatt biżżejjed jingħad illi ir-rikorrenti attwalment ma għadhiex tabita fil-fond inkwistjoni u ilha li ħallietu għal aktar minn sena iżda in pika mal-esponenti hija baqgħet tiddetjeni ċ-ċavetta għall-istess fond u ma għaddithiex lura lilu u dan in pika u bi skapitu u danni għall-esponenti li għalihom inżammet u tibqa' tinżamm responsabbli sal-ġurnata li tgħaddi lura l-pussess battal tal-istess appartament fl-istess kundizzjoni li ħaditu.*

*Illi kif premess fir-rikors promotur stess l-esponenti jinsab għaddej proċeduri kriminali fejn ġew iffriżati l-assi tiegħu u kwindi ma jistax la jiddisponi mill-proprjetà tiegħu u wisq anqas ma jista' jaggravaha mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti. Jista' biss, potenzjalment, jikrih iżda b'riżultat ta' dan il-mandat, jekk jintlaqa', lanqas ma jista' jikri l-istess appartament lil terzi, kieku r-rikorrenti tgħaddilu lura ċ-ċavetta, u kwindi jibqgħu jaggravaw aktar id-danni lilu kawżati minħabba l-aġir irresponsabbli u abbusiv tar-rikorrenti.*

Rat id-digriet tas-7 ta' Mejju, 2015 fejn ir-Rikors ġie appuntat għas-smigħ għas-seduta tal-15 ta' Mejju 2015.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2015 fejn l-Avukat Marion Camilleri obbligat ruħha li dakinhar stess ir-rikorrenti kellha tikkonsenja lura lill-intimat iċ-ċwievet tal-fond de quo battal. In vista ta' dan l-Avukat Joseph Schembri għall-intimat iddikjara li kien qiegħed jirtira l-oppożizzjoni tiegħu għat-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' Mandat tal-Inibizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

Tqis illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub mir-rikorrenti fir-Rikors.

Tqis li kif ġie dikjarat mill-avukat difensur tal-intimat fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2015, l-intimat mhuwiex qiegħed jopponi għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub mir-rikorrenti.

Peress li jirriżulta suffiċjentement li l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni hu meħtieġ sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tar-rikorrenti.

**<u>Decide</u>**

**Għalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tipprovdi b'mod definittiv billi tilqa' t-talba għall-ħrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati kif mitlub mir-rikorrenti fir-Rikors tagħha.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura huma a karigu tal-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------